# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1890/01**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Apco Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm414 (erba' mija u erbatax-il lira Maltin) minnha dovuta ghal diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001, li s-socjeta Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficajli datata 17 ta' Dicembru 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut bil-gurament minn Dr Ingrid Zammit Young;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm414 (erba' mija u erbatax-il lira Maltin) dovuti ghal servizzi resi. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**